**14 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C. St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Neg. George Camilleri ne.

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Dwana — Dazju — "Refrigerator" — Art. 9 tal-Kap. 122.**

*Apparat li jkessaħ ix-xorb u jservieh kiesaħ, "automatic refrigerated drink dispenser", huwa oġġett kompost, li parti minnu, anzi l-funzjoni primjera u essenzjali tiegħu, hija dik li jservi ta' refriġeratur; u ma jidherx li hemm raġuni għaliex il-kelma "refrigerator" għandha tiġi limitata biss għal dawk l-apparati użati biex iżommu u jippreżervaħ ikel u xorb, u ma tiġix applikata wkoll għall-apparati li, waqt li jkessħu x-xorb, għandhom ukoll vit biex minnu x-xorb hekk imkessaħ jiġi servut.*

*Għaldaqstant, apparat simili huwa suġġett, skond il-liġi doganali, għall-istess dazju li għalieh huwa suġġett ir-"refrigerator".*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa mporta mill-Ingilterra erbgħa "Whirlcool Dispensers", li l-fattura tagħhom qegħdha tiġi annessa ma' din iċ-ċitazzjoni (dok. A); u peress li l-konvenut qiegħed jippretendi s-somma ta' £71.6.0 bħala dazju ta' importazzjoni tal-20% "ad valorem" fuq l-imsemmija merkanzija, għaliex qiegħed jikkunsidraha li taqa' taħt l-aħħar "item" tat-Tieni Skeda tal-Ordinanza XV tal-1935, imsejħa "Ordinanza dwar id-Dazju ta' Importazzjoni u Esportazzjoni", kif emendata din l-aħħar skeda b'avviż nru. 161 tal-31 ta' Marzu 1950; u peress li fuq din il-merkanzija d-dazju dovut in bażi għall-imsemmija Ordinanza għandu jiġi kunsidrat tal-10% "ad valorem", billi jaqa' taħt l-"item" "Makni mhux imsemmija band'oħra, u ma' dawn bċejjeċ u aċċessorji tagħhom", imsemmi taħt il-grupp imsejjaħ "makkinarji, apparati, għodod u strumenti mhux imsemmija b'mod speċjali band'oħra"; u peress li l-attur, biex jirtira l-imsemmija merkanzija, kellu jħallas is-somma ta' £71.16.0 mitluba mill-konvenut, għalkemm l-attur ħallasha mingħajr preġudizzju u taħt protesta; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż li d-dazju ta' importazzjoni dovut mill-attur għall-merkanzija fuq imsemmija huwa ta' 10%, u mhux ta' 20%, "ad valorem"; (2) il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur dik is-somma li tiġi stabbilita mill-istess Qorti, rappreżentanti d-differenza bejn is-somma mħallsa taħt protesta mill-attur u s-somma li tirriżulta effettivament dovuta minnu bħala dazju fuq il-merkanzija fuq deskritta. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni għall-ewwel ġew dazjati bir-rata tal-20% kif espost mill-attur, iżda qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni d-ditta attriċi ġiet avżata li d-dazju ġie emendat u li r-rata kienet sejra tkun tas-16% bħal dik tar-"refrigerators", u l-attur ma aċċet-

tax; u illi d-dazju li għalieh hi suġġetta l-merkanzija huwa tas-16%, kalkulat "ad valorem" bħala "composite article";

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1959, li biha ċaħdet l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u laqgħet it-tieni talba, billi kkundannat lill-konvenut nomine jirrestitwixxi lill-attur is-somma biss ta' £14.5.3, l-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet skond ir-rebħ u t-telf; wara li kkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut tinsab bażata fuq l-art. 9 tal-Kap. 122 tal-liġijiet ta' Malta, li jiddisponi hekk:— "L-oġġetti li mhumiex imsemmija espressament fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet skeda ta' din l-Ordinanza, u li jkunu magħmula minn oġġett suġġett għal dazju bħala parti jew bħala ingredjent tagħhom, għandhom iħallsu d-dazju kollu li jitħallas fuq dak l-oġġett, jew, jekk ikunu magħmula minn iżjed minn oġġett wieħed suġġett għal dazju, għandhom iħallsu d-dazju kollu fuq l-oġġett suġġett għall-akbar dazju". Mhux kontestat illi l-merkanzija in kwistjoni mhix enumerata speċifikament band'oħra fil-liġi; u minn dan l-attur jippretendi li għandha taqa' taħt in-numru 12 (illum 13) tat-Tieni Skeda u tkun suġġetta għad-dazju tal-10% "ad valorem"; mentri l-konvenut jgħid li, peress li hija oġġett kompost minn element li jkessaħ, għandha tiġi ntaxxata bis-16%, li hu d-dazju għar-"refrigerators" kontemplat fl-istess skeda. Għalhekk il-kwistjoni hija jekk il-merkanzija "de qua" tikkostitwixxix oġġett kompost jew le;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa d-deskrizzjoni tal-apparat in kwistjoni magħmula mill-perit ġudizzjarju, u wara li għamlet ir-riflessjonijiet tagħha, hija tal-fehma illi dak l-apparat għandu jittieħed, għall-finijiet fiskali, bħala oġġett kompost; u l-isbaħ konferma jagħtihilna l-attur fin-nota tiegħu (fol. 38), fejn, wara li espona illi si tratta ta' "a complete apparatus" magħmul biex jiddistribwixxi "soft drinks" li jkunu ġew imkessħin fir-reċipjent fejn ikunu jinsabu, kompla jgħid:— "Il-fatt li dawn il-

makni ikollhom 'a cooling system' ma jagħmelx minnhom makkinarji li għandhom bħala skop prinċipali r-'refrigerating' tal-kontenut, imma d-'dispensing' tas-'soft drinks'. li biex ikunu iżjed popolari u kummerċjabbli, partikolarment fix-xhur tas-sajf, jiġu preventivament imkessħa". B'dan, l-istess attur qiegħed jirrikonoxxi illi l-apparat tat-tkessieħ mhux parti ntegrali indispensabbli, iżda ħaġa aċċessorja li mingħajrha id-"dispenser" ikun jista' jiffunzjona l-istess; b'mod li, kif inhu, id-"dispenser" għandu jiġi kunsidrat bħala oġġett kompost. Xejn ma jiswa l-każ ċitat mill-perit u riportat fin-numru 11 tal-istess skeda, għaliex dak huwa każ espressament enumerat mill-liġi, u għalhekk mhux milqut mill-art. 9 fuq ċitat;

Illi, konsegwentement, id-dazju fuq l-apparat in kwistjoni hu tas-16% "ad valorem", jiġifieri £57.0.9; u billi mhux kontestat li d-dazju mħallas kien ta' £71.6.0, il-konvenut għandu jirrifondi lill-attur id-differenza fis-somma ta' £14.5.3;

Illi, dwar il-kap tal-ispejjeż, veru li l-konvenut qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni avża lir-rappreżentant tal-attur li d-dazju kien mhux tal-20%, iżda ta' 16%; iżda ma jidherx li hu għad-differenza għamel l-offerta reali u d-depożitu ġudizzjarju skond il-liġi, u għalhekk ma għandux imur eżenti mill-ispejjeż;

Rat in-nota tal-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Skond it-tariffa, "refrigerator" għall-użu tad-dar jew ta' ħanut li jaħdmu bil-gas, bil-pitrolju jew bl-elettriku, ikollhom dazju "ad valorem" ta' 16%, jekk jaqgħu taħt l-"Empire Preferential Tariff";

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-merkanzija

in kwistjoni tikkontjeni parti minnha li hija "refrigerator". Anzi, il-funzjoni primarja u essenzjali hi dik ta' "refrigerator". Ma jidherx li hemm raġuni għaliex il-kelma "refrigerator" għandha tiġi limitata biss għal dawk l-apparati użati biex iżommu u jippreżervaw ikel jew xorb, u ma tiġix applikata wkoll għall-apparati bħal dawk in kwistjoni, li waqt li jkessħu x-xorb għandhom ukoll vit biex minnu x-xorb hekk imkessaħ jiġi servut;

Fil-letteratura eżibita l-merkanzija hi deskritta bħala "automatic refrigerator drink dispenser". Li "specification" tindika l-apparat tar-"refrigeration", u t-"tag" li kien hemm fuq il-merkanzija tiddeskriviha bħala "refrigerator";

Fl-apparat ix-xorb ma jsirlu xejn aktar ħlief li jiġi mkessaħ biex jista' jiġi servut "ice cold"; il-bqija hu kollu aċċessorju għal dan l-iskop;

Għalhekk, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu.